MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 33/2011

Roderick **ĠERADA**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**, Direttur Qrati Kriminali u Tribunali u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta’ Ġunju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrenti talab li din il-Qorti (i) ssib li, bil-fatt li huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b’arrest u mhux bil-mezz ta’ ċitazzjoni biex iwieġeb għax-xilja magħmula kontrih mill-Pulizija

Eżekuttiva dwar reat allegatament imwettaq minnu tliet (3) snin qabel u li dwaru kien saħansitra ngħata l-*police bail*, huwa ġarrab ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għall-ħarsien mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja kif imħares bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “l-Kostituzzjoni”) u wkoll bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa il-“Konvenzjoni”), u tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; u (ii) tagħtih ir-rimedju xieraq u effettiv għal dak il-ksur;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta’ Ġunju, 2011, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għall-14 ta’ Ġunju, 2011;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija fl-14 ta’ Ġunju, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qalu li l-azzjoni hija fiergħa u vessatorja għaliex il-Qorti tal-Maġistrati kienet diġa’ tat degriet fit-3 ta’ Ġunju, 2011, li bih ċaħdet it-talba tal-istess rikorrent li hija tagħmel Riferenza Kostituzzjonali dwar l-istess ilment tiegħu. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li fl-ebda waqt ma seħħ ksur ta’ xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent għaliex l-arrest tiegħu ma kien fl-ebda waqt wieħed illegali u d-diskrezzjoni mħaddma mill-Pulizija Eżekuttiva biex tressqu b’arrest minflok bil-mezz ta’ ċitazzjoni, kienet diskrezzjoni li tagħtiha l-liġi u li ntużat sewwa. Iżidu jgħidu li kien issa li lir-rikorrent ressquh il-Qorti b’arrest għaliex kien issa li ġew f’idejhom provi tajbin li wasslu biex ingħalaq l-istħarriġ li l-Pulizija Eżekuttiva kienet għadha qiegħda tagħmel dwar il-każ;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Ġunju, 2011[1], li bih ordnat il-bidla fl-isem ta’ wieħed mill-intimati u tatu żmien biex iressaq it-Tweġiba tiegħu;

[1] Paġ. 11 tal-proċess

Rat it-Tweġiba mressqa fit-22 ta' Ġunju, 2011, mill-intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni promotriċi u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal t-talbiet tar-rikorrent ma jmisshomx jintlaqgħu u dan billi l-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent kienet diġa' nċaħdet mill-Qorti tal-Maġistrati. Żied jgħid li t-talbiet tar-rikorrent ma kinux mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt u kien joqgħod fuq l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati l-oħrajn u jagħmilhom tiegħu wkoll;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partjiet;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Novembru, 2011[2], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent waqt is-smigħ tad-19 ta' April, 2012[3], wara li l-Qorti kienet tatu l-permess li jagħmel dan minkejja li kien għalaq iż-żmien mogħti fid-degrieti tagħha tat-23 ta' Novembru, 2011, u tat-2 ta' Frar, 2012;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali fit-18 ta' Ġunju, 2012[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija fid-19 ta' Ġunju, 2012[5], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

[2] Paġ. 43 tal-proċess
[3] Paġġ. 46 – 7 tal-proċess
[4] Paġġ. 59 sa 64 tal-proċess
[5] Paġġ. 65 sa 77 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2012, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jinżammx arrestat kontra l-liġi. Jgħid li dan seħħ għaliex il-Pulizija Eżekuttiva għażlet li tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati taħt arrest minflok bil-meżż ta' ċitazzjoni, ħalli jwieġeb għall-akkużi li ressqet fil-konfront tiegħu. Huwa jgħid li qatt ma ta lill-Pulizija raġunijiet biex iwassalhom biex jarrestawh u, kull meta kellmuh, huwa ikkollabora bis-sħiħ magħhom. Iqis li d-deċiżjoni meħuda biex jitressaq quddiem il-Qorti b'arrest kienet waħda abbużiva u ġabitlu ħsara billi, b'dak il-mod, kellu joqgħod jitlob li jingħata l-liberta' provviżorja bil-kundizzjonijiet marbutin magħha, ħaġa li ma kienx ikollu għalfejn jagmilha li kieku tressaq mill-ewwel biċ-ċitazzjoni. Ir-rikorrent irid li jingħata rimedju għal dak il-ksur;

Illi l-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li fit-22 ta' Ġunju, 2008, saret serqa ta' deheb, ħaġar prezzjuż u flus kontanti minn ġo dar bl-isem ta' "*Petit Fleur*", f'numru wieħed u disgħin (91) fi Triq Casolani, f'Birkirkara. Il-Pulizija bdiet l-istħarriġ tagħha u nfetħet inkjesta Maġisterjali. F'Mejju tal-2011, il-Pulizija waslilha tagħrif kunfidenzjali li r-rikorrent sata' kien imdaħħal f'dik is-serqa[6]. Il-Pulizija talbet lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Inkwirenti biex tawtorizżżaha tarresta lir-rikorrent u tagħtiha

[6] Xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud 23.11.2011, f'paġġ. 22 – 4 tal-proċess

mandat ta' tfittxija għalih[7]. Dik il-Qorti laqgħet it-talba u awtorizżat il-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest u Tfittxija fit-12 ta' Mejju, 2011[8];

Illi sitt ijiem wara, ir-rikorrent ħalla stqarrija mal-Pulizija[9] wara li kien ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu u kien ukoll għażel li jiffirmaha. Fiha ċaħad li kellu x'jaqsam b'xi mod mas-serqa mill-imsemmija dar. Dak inhar kien tħalla jitlaq taħt "*police bail*" bil-fehma li jibqa' disponibbli jekk jissejjaħ u bir-rabta li, fit-30 ta' dak l-istess xahar, kellu jerġa' jippreżenta ruħu għand il-Pulizija[10]. Huwa żamm kelmtu u raġa' mar isib lill-uffiċjal konċernat fil-jum miftiehem. Minħabba li, sadattant, il-Pulizija kienu waslulha xi riżultati forensiċi li setgħu jsaħħu l-każ tagħha kontra r-rikorrent, l-uffiċjal konċernat għarraf lir-rikorrent li kien ser jerġa' jinterrogah. Dak inhar, ir-rikorrent għażel li ma jfittixx avukat biex jikkonsultah[11]. Iżda ftit wara li raġa' beda l-interrogatorju u l-uffiċjal semma xi ċirkostanzi li kienu jorbtu lir-rikorrent mal-fatt, l-istess rikorrent talab li jieqaf milli jwieġeb minħabba li ma kienx qed iħossu f'sikktu, u l-uffiċjal tal-Pulizija laqa' dik it-talba u raġa' ta lir-rikorrent "*police bail*" bil-kundizzjoni, fost l-oħrajn, li kellu jerġa' jmur id-Depot fit-2 ta' Ġunju, 2011[12], wara li jkun stejqer minn saħħtu;

Illi għal darb'oħra, ir-rikorrent żamm kelmtu u fit-2 ta' Ġunju, 2011, resaq quddiem l-uffiċjal tal-Pulizija inkarigat mill-istħarriġ u, għal darb'oħra, għażel li ma jfittixx il-parir ta' avukat qabel reġa' beda jsirlu l-interrogatorju[13]. Dak inhar inhar ħalla stqarrija oħra li fiha baqa' jiċħad li kellu xi sehem mal-każ, u għażel li jiffirmaha minkejja li iddikjara li ma jafx jaqra[14]. Dak inhar, ir-rikorrent inżamm arrestat;

---

7 Dok "KA1", f'paġ. 30 tal-proċess
8 Dok "KA2", f'paġ. 31 tal-proċess
9 Dok "KA3", f'paġġ. 32 sa 34 *tergo* tal-proċess
10 Dok "KA5", f'paġ. 36 tal-proċess
11 Dok "KA4", f'paġ. 35 tal-proċess
12 Dok "KA6", f'paġ, 37 tal-proċess
13 Dok "KA7", f'paġ. 38 tal-proċess
14 Dok "KA8", f'paġġ. 39 sa 41 tal-proċess

Illi l-Pulizija ressqet lir-rikorrent taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja l-għada, 3 ta' Ġunju, 2011, u xlietu bir-rejati hemm imsemmija[15]. Dak inhar, il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi dwar it-tressiq tal-imputat (ir-rikorrent) taħt arrest u sabet li l-preżentata b'dak il-mod kienet "valida u ġustifikata". Dik il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat li jinħeles mill-arrest b'ħelsien provviżorju u l-kundizzjonijiet li imponietlu. Dak inhar ukoll, id-difiża qanqlet il-kwestjoni kostituzzjonali u talbet li l-Qorti tirreferi l-każ lill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali biex "jiġi determinat jekk il-preżentata tal-imputat tmurx kontra l-Art. 5 tal-Konvenzjoni u l-Art. 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u takkorda rimedju"[16]. B'degriet mogħti dak inhar, il-Qorti tal-Maġistrati, għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba għar-Riferenza[17];

Illi dak inhar stess, ir-rikorrent ressaq din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta mal-każ jingħad mill-ewwel li l-ilment tar-rikorrent huwa limitat għaċ-ċirkostanzi tat-twettiq ta' diskrezzjoni min-naħa tal-Pulizija Eżekuttiva li tagħżel li tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'arrest minflok bil-mezz ta' ċitazzjoni;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis il-kwestjoni tal-imsemmi lment fil-mertu, jidher għaqli li tqis l-ewwel iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati. L-ewwel waħda tressqet mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija fis-sens li l-azzjoni hija waħda fiergħa u sempliċement magħmula biex iddejjaq; it-tieni waħda tressqet mill-intimat Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali fis-sens li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-ilmenti tar-rikorrent;

[15] Dok f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess
[16] Dok f'paġ. 51 tal-proċess
[17] Dok "A", f'paġġ. 15 – 7 tal-proċess

Illi **dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** irid jingħad li l-intimati jibnuha fuq il-fatt li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba tar-rikorrent li tirreferi l-każ lil din il-Qorti taħt id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, allura t-tressiq min-naħa tiegħu ta' dan il-każ huwa daqstant ieħor għal xejn u biss ħala ta' ħin;

Illi, kif ingħad bosta drabi, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra[18]. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni"[19];

Illi fil-każ tal-lum, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-ilment imressaq mir-rikorrent huwa tassew wieħed fieragħ għaliex il-kwestjoni li jqajjem tmiss kwestjoni li titfa' dawl fuq il-mod kif inżamm arrestat u għaliex saret dik l-għażla. Minbarra dan, kienet l-istess Qorti tal-Maġistrati li, fid-degriet tagħha, ħalliet il-possibilita' lir-rikorrent li jmexxi 'l quddiem din l-azzjoni jekk jidhirlu li huwa l-każ. Hija dehrilha li l-kwestjoni kienet waħda "frivola u vessatorja" biss għall-finijiet tar-riferenza li ntalbet tagħmel, għaliex dik ir-riferenza ma kellha "l-ebda rabta bejn il-mertu tal-proċeduri odjerni u l-kwestjoni kostituzzjonali sollevata" tant li "d-determinazzjoni tal-mertu fil-proċeduri odjerni ma jiddependi b'l-ebda mod fuq kwalunkwe eventwali determinazzjoni, mill-Prim'Awla u f'każ ta' appell anke mill-Qorti Kostituzzjonali, tal-kwestjoni kostituzzjonali sollevata mill-imputat odjern". B'żieda ma' dan, għalkemm ir-rikorrent ma weriex xi assidwita' qawwija fit-

[18] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[19] Kost. **10.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.126**)

tmexxija ta’ dan l-ilment tiegħu, il-Qorti tqis li l-kwestjoni fiha nnifisha ma kenitx waħda li jmissha titwarrab malajr, l-iżjed għaliex fil-fehma tagħha tirrigwarda t-tħaddim ta’ setgħat min-naħa tal-Pulizija Eżekutiva li jafu jinċidu fuq is-siwi ta’ proċess ġudizzjarju f’dak li jirrigwarda proċess xieraq;

Illi għalhekk, il-Qorti m’hijiex sejra tilqa’ l-imsemmija eċċezzjoni;

Illi għar-rigward tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tad-Direttur intimat fis-sens li m’**huwiex il-kontradittur leġittimu** tal-azzjoni tar-rikorrent, il-Qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta’ min hija l-persuna xierqa li għandha titħarrek f’kawża hija ta’ siwi daqs kemm hu meħtieġ li tkun xierqa l-persuna li tiftaħ il-kawża. Sakemm ma jkunx jidher li l-eċċezzjoni qiegħda titqajjem biss bħala manuvra proċedurali, id-determinazzjoni ta’ min għandu jkun fil-kawża hija aspett fundamentali tal-azzjoni li tkun, u dan għaliex kull att ġudizzjarju li jsir minn jew kontra persuna li ma tistax toqgħod f’kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għal daqshekk, huwa att li ma jiswiex[20];

Illi, kif ingħad mill-Qrati tagħna, l-eċċezzjoni tal-illeġittimita’ tal-persuna hija perentorja tal-ġudizzju, għax jekk tintlaqa’ l-ġudizzju jaqa’ u jispiċċa. Għalhekk dik l-eċċezzjoni tista’ titqajjem ukoll f’kull stadju tal-proċess, imqar fil-grad tal-appell[21], u jekk kemm-il darba tintlaqa’, iġġib magħha l-ħelsien tal-parti mħarrka milli tibqa’ fil-kawża[22];

---

[20] Art. 787(1) tal-Kap 12

[21] App. Ċiv. **19.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Soċjeta’ Filarmonika ‘La Stella’ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.625**)

[22] App. Ċiv. **3.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dacoutros vs Petrococchino et*** (Kollez. Vol: **XXXIV. i. 321**)

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali trid tintrabat mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[23]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi l-imsemmija kategoriji tfasslu mill-frott ta' sensiela ta' deċiżjonijiet li ippruvaw jirregolaw is-sitwazzjoni qabel ma saru l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, li kienu maħsuba biex ma jħallux aktar kwestjonijiet ta' xejra preliminari dwar min għandu jidher għall-Gvern, ixekklu l-mixi 'l quddiem tas-smigħ tal-kawżi fil-mertu. Bis-saħħa tal-artikolu 181B tal-imsemmi Kodiċi, ir-regoli iċċaraw kif wieħed għandu jirregola ruħu mhux biss f'kawżi ta' xejra kostituzzjonali;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma ntweriex bl-ebda mod (u dan kien jaqa' fuq ir-rikorrent li jagħmlu fi grad tajjeb biżżejjed) kif id-Direttur intimat jista' b'xi mod iwieġeb għall-ilment tar-rikorrent. L-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jwassal għal xi sehem tiegħu fid-deċiżjoni meħuda mill-uffiċjal tal-Pulizija investigatur li jagħżel li jressaq lir-rikorrent quddiem il-Qorti taħt arrest.

---

[23] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

Bl-istess mod, ma ntweriex kif l-istess Direttur intimat jista' jirrimedja għat-teħid ta' dik id-deċiżjoni, ukoll kieku kellu jintwera li t-teħid tagħha jista' tassew ikun sar bi ksur ta' xi jedd fundamentali tar-rikorrent;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur intimat hija waħda tajba u sejra tilqagħha billi teħilsu milli jibqa' fil-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**kunsiderazzjonijiet fil-mertu** dwar l-ilment imressaq mir-rikorrent. Kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jgħid li ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għaliex l-arrest kien wieħed arbitrarju. Huwa jgħid li, minħabba li tressaq b'arrest, kellu "jbati" l-konsegwenzi tal-liberta' provviżorja, li kieku ma kienx ikollu jerfa' li kieku tressaq quddiem il-Qorti b'ċitazzjoni. Iżid jgħid li, ladarba r-reat li bih kien mixli kien ilu s-snin li ġara u ladarba l-Pulizija nnifisha kienet, fil-ġimgħat ta' qabel ma tressaq il-Qorti, tatu l-"*police bail*", ma kien hemm l-ebda raġuni tajba għaliex tressaq arrestat u b'hekk dak l-arrest kien wieħed arbitrarju;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu fuq l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Sfortunatament, fit-trattazzjoni tiegħu ma semma xejn dwar kif dak li għadda mingħalih jiksirlu l-jeddijiet imħarsin mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas fisser imqar taħt liema waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-imsemmi artikolu jirriżulta l-ksur minnu lmentat. Fiċ-ċirkostanzi, u biex il-Qorti ma toqgħodx tinħela fuq konsiderazzjonijiet li ma jwasslu għall-ebda siwi prattiku għall-każ, m'hijiex sejra tqis l-ilment tar-rikorrent taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ukoll minħabba l-fatt li l-istess ilment ma jirreferi bl-ebda mod għas-siwi u l-korrettezza tal-proċediment li għaddej quddiem il-Qorti tal-kompetenza kriminali li quddiemha tressaq, iżda għal twettiq ta' diskrezzjoni li tippreċedi dak il-proċediment. Huwa lanqas ressaq l-ebda lment mis-

sejbien ta’ dik il-Qorti li l-arrest tiegħu tqies bħala wieħed validu u legali;

Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

“*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta’ personali tiegħu ħlief kif jista’ jkun awtorizżżat b’liġi fil-każijiet li ġejjin: ....*

“*(d) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali; ...*”

“*(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi informat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f’ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta’ l-arrest jew detenzjoni tiegħu, f’ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta’ l-arrest jew detenzjoni tiegħu:...*”

“*(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut – (a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni ta’ l-ordni ta’ qorti; jew (b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f’xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta’ dan is-sub-artikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f’dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b’kondizzjonijiet raġonevoli magħduda b’mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f’data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża*”;

Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"(1) *Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.*
*Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:*

*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*

"*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.*

"*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.*

"*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi.*

"*(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens*";

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tara jekk kemm-il darba l-arrest tar-rikorrent kienx tassew wieħed arbitrarju u jekk kemm-il darba dak it-tressiq b'arrest jiksirx xi waħda jew aktar miż-żewġ dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija li dwarhom huwa jsejjes it-talba tiegħu;

Illi huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, iridu ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law[24];

Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[25], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem huwa prijorita';

Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalita' tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalita' hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi soddisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;

---

[24] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), pġ. 463
[25] Art. 34(3) tal-Kostituzzjoni u art. 6(2) tal-Konvenzjoni

Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat tal-Pulizija li tarresta persuna huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess[26];

Illi ż-żewġ testi jitkellmu wkoll dwar il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli biex isaħħaħ arrest jew żamma f'ċirkostanzi bħal dawk. Dwar din il-frażi, ingħad u ġie mgħallem ħafna matul is-snin, l-iżjed għaliex il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li jitressqu dwar il-ksur ta' dan il-jedd fondamentali jduru fuq jekk is-suspett kienx wieħed raġonevoli jew le. Il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv[27];

Illi dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq[28], u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ li tali suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata[29]. Malli jintemm is-suspett raġonevoli, jew malli jaqbeż iż-żmien raġonevoli li jiġġustifikah[30] minnufih irid jintemm l-arrest jew iż-żamma[31]. Madankollu, m'huwiex mistenni li fil-waqt tal-arrest, il-Pulizija jkollha diġa' provi w xhieda biżżejjed biex bihom tista' minn dak il-ħin tressaq b'arrest lill-persuna suspettata[32]. Filwaqt li l-fatt li persuna li nżammet arrestata li, madankollu, aktar 'il quddiem tinħeles minn qorti b'deċiżjoni ġudizzjarja, ma tistax tilminta minn arrest illegali retrospettiv minħabba dak il-ħelsien[33];

---

[26] Ara artt. 355V u 355X tal-Kap 9 fost oħrajn

[27] Ara App. Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**); u App.Kost. **14.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.256**) u l-ġurisprudenza hemm imsemmija

[28] Ara. P.A.( Kost). **8.4.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXII**)

[29] Ara App. Kost. **9.4.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Paċe vs Onor. Dom Mintoff et*** (mhix pubblikata)

[30] Ara. Q.E.D.B. **27.6.1968** fil-kawża ***Wemhoff vs Repubblika Federali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru 2122/64), §5; u App. Kost. **29.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.25**)

[31] Ara App. Kost. **7.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.37**)

[32] Ara. P.A. (Kost) **21.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Kummissarju tal-Pulizjia*** (Kollez. Vol: **LXXVIII**)

[33] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.*, pġ. 473

Illi madankollu huwa mfisser ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, minbarra l-ħtieġa ta' suspett raġonevoli fil-persuna arrestata jew miżmuma f'kull waqt tal-arrest jew taż-żamma tagħha, jeħtieġ jintwera wkoll li ċ-ċirkostanzi kienu tali li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-liberta' personali tas-suspettat. Għaliex l-arrest jew iż-żamma huma biss ġustifikati jekk kemm-il darba jkunu pre-ordinati jew meħtieġa biex il-persuna suspettata titressaq quddiem l-awtorita' ġudizzjarja kompetenti u tinxela bl-akkuża addebitata lilha[34]. Tali raġonevolezza tissarraf fl-istħarriġ b'bona fidi min-naħa tal-Pulizija, ukoll jekk sa dak il-waqt l-eżistenza jew in-natura tar-reat ma jkunux għadhom magħrufa fiċ-ċert[35];

Illi biex żamma jew arrest taħt l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni jibqa' wieħed tajjeb, huwa mitlub li l-persuna hekk miżmuma b'arrest titressaq mill-aktar fis quddiem qorti biex isir stħarriġ kif imiss tas-siwi tal-istess arrest: fin-nuqqas, il-persuna miżmuma għandha tinħeles[36];

Illi tajjeb jingħad li dak l-arrest li l-Pulizija tista' twettaq sakemm isir stħarriġ dwar reat u l-persuna titressaq biex twieġeb għal xi eventwali akkuża quddiem Qorti kompetenti huwa wieħed ta' natura amministrattiva jew eżekuttiva, kif distint minn dak li jista' jissejjaħ ġudizzajrju, u li jseħħ meta dik il-Qorti jew Qorti oħra kompetenti ma tilqax talba għal-liberta' provviżorja jew tħassar liberta' diġa' mogħtija, jew waqt xi stadju ieħor tordna l-arrest ta' imputat[37];

Illi mill-eżami tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-Pulizija kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex iżżomm lir-

[34] Ara App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.99**)
[35] K Reid _A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights_ (3[rd]. Edit, 2007) §IIB-031, pġ. 233
[36] Art. 5(3) tal-Konvenzjoni
[37] Ara App. Kost. **11.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs L-Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.113**)

rikorrent taħt arrest. Huwa minnu li, sa Mejju tal-2011 il-Pulizija ma kien għad għandha l-ebda ħjiel dwar ir-rabta tar-rikorrent mas-serqa li saret mid-dar f'Birkirkara xi tliet snin qabel. Iżda huwa fatt ukoll li, sa dak inhar, ir-rikorrent ma kien qatt inġabar mill-Pulizija b'rabta mal-każ. Kien it-tagħrif kunfidenzjali li ngħata lill-Pulizija f'Mejju tal-2011 li, għall-ewwel darba, involva lir-rikorrent fl-istħarriġ li kien qed isir. Sa dak inhar, ir-rikorrent ma kien qatt inżamm arrestat b'rabta mal-każ u għalhekk l-ilment tiegħu jirrigwarda biss dak iż-żmien bejn it-18 ta' Mejju, 2011 u t-3 ta' Ġunju, 2011;

Illi, minbarra dan, għalkemm f'Mejju tal-2011 il-Pulizija kienet tqis lir-rikorrent biss bħala persuna suspettata, ħareġ ukoll li, qabel ma fittxitu u arrestatu l-ewwel darba kienet kisbet il-Mandat meħtieġ mill-Qorti kompetenti. Minkejja dan, il-Pulizija tat lir-rikorrent il-"*police bail*" minn tal-anqas darbtejn matul dak iż-żmien u f'dawk l-okkażjonijiet ir-rikorrent ma kellu l-ebda sura ta' tnaqqis fil-liberta' tiegħu (kellu biss il-kundizzjoni li f'dati partikolari stabiliti, jippreżenta ruħu quddiem il-Pulizija). Meta, lejn l-aħħar ta' Mejju, lill-Pulizija waslilha tagħrif forensiku li xi marki tas-swaba' li nstabu fil-post fejn kienet saret is-serqa fl-2008, kienu jaqblu mal-marki tas-swaba' tar-rikorrent, kienet inħalqet raġuni tajba biex il-Pulizija ssaħħaħ is-suspetti tagħha fl-istħarriġ li kienet qiegħda tagħmel dwar il-każ u li dawk is-suspetti kienu raġonevolment jorbtuh mal-każ. Iż-żamma f'arrest min-naħa tal-Pulizija, sostnuta kif kienet bil-Mandat li kien ingħata mill-Qorti Inkwirenti aktar qabel dak ix-xahar, kienet ukoll għal żmien aqsar mit-tmienja u erbgħin (48) siegħa li tippreskrivi d-dispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn rilevanti tal-Kodiċi Kriminali;

Illi, b'żieda ma' dan, ir-reati li bihom il-Pulizija xlew lir-rikorrent, kien reati li dwarhom il-liġi tippermetti t-tressiq tal-persuna akkużata b'arrest u mhux bil-meżż taċ-

ċitazzjoni[38]. F'dan ir-rigward, il-Qorti toqgħod għal kollox fuq ir-raġunijiet imsemmija mix-xhud Spettur Keith Arnaud dwar ir-raġunijiet li wassluh li, nhar it-2 ta' Ġunju, 2011, jiddeċiedi li jżomm lir-rikorrent arrestat u li jressqu l-għada filgħodu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[39]. Hemm imbagħad iċ-ċirkostanza li fiha r-rikorrent, minkejja li l-Pulizija ikkonfrontawh bir-riżultanzi tal-eżamijiet forensiċi, baqa' jtenni li ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa u li sata' kien miftiehem ma' xi ħadd qarib tal-persuni misruqa biex ikun jista' jidħol f'darhom. Imġiba bħal din issaħħaħ is-suspett tal-Pulizija li r-rikorrent, kieku tħalla jiġri 'l hawn u 'l hinn, sata' jniġġes il-provi miksuba jew jinfluwenza xi xhud siewi;

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti tasal għal-fehma li t-tressiq tar-rikorrent b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kienx la wieħed arbitrarju u lanqas illegali. Id-deċiżjoni meħuda mill-Pulizija kienet waħda li taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi, filwaqt li ż-żmien meħud biex ikun stabilit li dak l-arrest kien tajjeb kien żmien li l-liġi tqisu bħala xieraq f'ċirkostanzi bħal dawn. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha kull opportunita' wkoll li tisma' r-raġunijiet mogħtijin lilha mill-Pulizija Eżekutiva biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tagħha li tressaq lir-rikorrent b'arrest. Dik il-Qorti sabet li kienu ngħatawlha raġunijiet tajba. Kif ingħad, ir-rikorrent ma jressaq l-ebda lment dwar dak il-provvediment. Ir-rikorrent ma ta lill-Qorti l-ebda raġuni tajba oħra għaliex għandha ssib li l-Pulizija eżekutiva nqdiet ħażin bis-setgħat tagħha li tarrestah u lanqas li nqdiet b'dawk is-setgħat b'mod arbitrarju, diskriminatorju jew immexxija minn xi motivi mhux xierqa;

Illi l-fatt waħdu li r-rikorrent strah fuq dikjarazzjonijiet ġeneriċi dwar il-ħtieġa ta' ħarsien xieraq tal-prinċipju tal-liberta' talbniedem, ma jwassalx biex il-Qorti tasal għall-fehma li, fil-każ konkret taċ-ċirkostanzi li tressqu fil-każ tiegħu, ir-rikorrent tassew ġarrab xi ksur ta' xi jedd

[38] Art. 360(1) tal-Kap 9
[39] Ara xhieda tiegħu, f'paġ. 28 tal-proċess

fundamentali tiegħu kif minnu pretiż. Il-każijiet[40] li huwa jsemmi wkoll ma joqogħdux għall-każ tiegħu għaliex, fl-ewwel lok, kienu jirrigwardaw ċirkostanzi ta' arrest arbitrarju jew żamma lil hinn minn dak li kienet tippermetti l-liġi u differenti minn dak li seħħ il-każ tiegħu, u wkoll għaliex jirreferu għal żmien meta l-liġi ma kenitx għadha tipprovdi għal ċerti miżuri li, fil-każ tal-lum, tħarsu sewwa[41];

Illi għalhekk, it-talbiet tar-rikorrent m'humiex sejrin jintlaqgħu, għaliex mhux pruvati u għalhekk m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari** tal-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa u vessatorja, billi r-raġunijiet li fuqhom tissejjes l-imsemmija eċċezzjoni ma jagħmlux l-azzjoni tar-rikorrent waħda tali;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** preliminari tal-intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali u ssib li huwa bl-ebda mod ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-ilmenti tar-rikorrent u b'hekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-istess rikorrent;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** taż-żewġ intimati l-oħrajn u ssib li bil-fatt li huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b'reat taħt arrest minflok bil-meżż taċ-ċitazzjoni, ir-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu kif minnu pretiż, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni; u

[40] Q.E.D.B. **29.4.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Malta*** (Applik. Nru. 25642/94); u Q.E.D.B. **29.4.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***T.W. vs Malta*** (Applik. Nru. 25644/94)

[41] Ara Q.E.D.B. **21.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephens vs Malta (Nru 2)*** (Applik. Nru. 33740/06) § 60

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrent bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------